MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 855/2005

**Talba Nru: 855/05PBC**

**Book Distributors (BDL) Limited [C-11459]**

**Vs**

**Toys 'N Kids Limited [C-12916]**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu (Lm626.47c) rapprezentanti prodotti mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici lill-istess socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ sitt mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu (Lm626.47c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------